

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iżjed lok li tingħata deċiżjoni dwar il-kumpens pekunjarju marbut mad-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha l-Uffiċċju "Infrastruttura u loġistika fil-Lussemburgu" (OIL) tal-Kummissjoni Ewropea xolja l-kuntratt ta' ingaġġ ta' UG.
- 2) Il-Kummissjoni għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, nofs l-ispejjeż ta' UG. UG għandha tbat nofs l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 357, 23.10.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ottubru 2020 – Gáspár vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-827/19) (¹)

(“Rikors għal annullament – Servizz pubbliku – Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali – Ilment imressaq wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur previsti fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal – Assenza ta' żball skużabbli – Inammissibbiltà manifesta”)

(2021/C 19/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Norbert Gáspár (Mensdorf, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: R. Wardyn, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin u M. Brauhoff, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju “Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali” (PMO) tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju 2018 li tikkonferma t-trasferiment lill-iskema tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz tal-Unjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Norbert Gáspár huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 61, 24.2.2020.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2020 – Buxadé Villalba et vs Il-Parlament

(Kawża T-32/20) (¹)

(“Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Rikonoxximent mill-Parlament tal-elezzjoni bħala deputati Ewropej ta' żewġ rappreżentanti eletti Spanjoli – Locus standi ta' tliet deputati Ewropej oħra – Nuqqas ta' inċidenza diretta – Talba intiża li tikseb sentenza dikjaratorja – Rikors parzjalment inammissibbli u parzjalment ippreżentat quddiem qorti manifestament mingħajr ġurisdizzjoni sabiex tismagħha”)

(2021/C 19/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Jorge Buxadé Villalba (Madrid, Spanja) María Esperanza Araceli Aguilar Pinar (Madrid), Hermann Tertsch Del Valle-Lersundi (Madrid) (rappreżentant: M. Castro Fuertes, avukat)